



2022/2094(DEC)

24.1.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima II – Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea
(2022/2094(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romeo Franz

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota l-isforzi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru") biex iqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-multilingwiżmu għall-operazzjonijiet tal-aġenziji u biex irawwem komunikazzjoni multilingwi biex jilħaq liċ-ċittadini tal-Unjoni u jħeġġeġ liċ-Ċentru jagħmel saħansitra aktar; jistenna bil-ħerqa li jara l-ewwel riżultati tal-proġett pilota mniedi fl-2021 bil-għan li jiġu analizzati l-prattiki multilingwi eżistenti tal-aġenziji bil-għan li jiġi stabbilit "sett ta' għodod għall-multilingwiżmu" u li jinħolqu linji gwida komuni għall-politiki lingwistiċi tal-aġenziji; jistieden lill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE jagħtu prijorità lil-lingwi Ewropej kollha b'mod ugwali;
2. Jilqa' l-abbozzar ta' politika ġdida ta' kontinwità tan-negozju fl-2021 biex iċ-Ċentru jitħejja aħjar għal kwalunkwe kriżi futura; jinnota li l-2021 rat żieda ta' 3,3 % fil-volum tax-xogħol minħabba talbiet oġhla milli mistenni mill-klijenti, bi tnaqqis ta' 8,5 % fl-attività tat-trademarks tal-UE kkumpensat l-aktar minn żieda ta' 17 % ta' traduzzjonijiet mhux tat-trademarks, li wassal għal surplus baġitarju finali ta' EUR 2,6 miljun għas-sena; jilqa' t-tnaqqis progressiv tad-dipendenza taċ-Ċentru fuq it-trademarks tal-UE u t-ftittxija kontinwa tiegħu li jespandi l-linji l-oħra tiegħu ta' servizzi u prodotti;
3. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri, fir-rapport annwali tagħha dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, tikkonferma l-legalità u r-regolarità tad-dħul u tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet taċ-Ċentru; jinnota b'sodisfazzjon li fl-2021 il-portafoll tal-klijenti taċ-Ċentru kompli jikber, bl-iffirmar ta' ftehimiet ġodda ta' kooperazzjoni mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) u mal-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali (EUSPA – li qabel kienet GNSS);
4. Fil-kuntest ta' kwistjonijiet rikorrenti ffaċċjati bil-kwalità tat-traduzzjonijiet prodotti minn fornituri esterni tas-servizzi lingwistiċi, jinnota li iċ-Ċentru stabbilixxa sistema għall-valutazzjoni tal-kwalità tat-traduzzjonijiet esternalizzati u għat-titjib tat-traduzzjonijiet li juru dgħufijiet; jilqa' l-fatt li iċ-Ċentru żviluppa linji gwida speċifiċi dwar l-aspettattivi ta' kwalità taċ-Ċentru, ipprova tutorials għal fornituri esterni biex jindirizzaw kwistjonijiet rikorrenti u ħa miżuri stretti kontra diversi kuntratturi li d-dokumenti tagħhom ġew iġġudikati ripetutament bħala mhux sodisfaċenti, u li f'xi każijiet wassal għat-terminazzjoni ta' kuntratti qafas;
5. Jilqa' l-introduzzjoni fl-2021, li tibni fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Trasformazzjoni taċ-Ċentru 2019–2020, ta' approċċ aktar orjentat lejn il-klijent fir-rigward tal-kwalità, li jippermetti lill-klijenti jagħżlu minn firxa ta' servizzi ta' traduzzjoni, minn traduzzjonijiet riveduti bir-reqqa għal servizz kompletament awtomatizzat, u b'hekk jipprova opportunitajiet ġodda għall-klijenti biex jottimizzaw il-baġits tat-traduzzjoni tagħhom; jinnota li l-istħarriġ tal-2021 dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti wera sodisfazzjon ġenerali tal-klijenti bil-firxa u l-kwalità tas-servizzi offruti miċ-Ċentru;

6. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2021 iċ-Ċentru ffinalizza l-azzjonijiet inklużi fil-pjan ta' azzjoni tiegħu kontra l-frodi għall-2019–2020, b'mod partikolari billi aġġorna l-proċessi tiegħu dwar l-identifikazzjoni u r-rappurtar tal-frodi; jistenna li iċ-Ċentru jkompli l-ħidma tiegħu fuq l-identifikazzjoni u r-rappurtar tal-frodi anke fil-futur;
7. Jesprimi dispaċir għall-fatt li iċ-Ċentru għad m'għandux ċertifikat tal-EMAS; iħeġġeġ iċ-Ċentru jibda l-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-EMAS malajr kemm jista' jkun; jinnota b'sodisfazzjon il-miżuri meħuda biex tiġi ffrankata l-enerġija u l-ħidma tagħha biex iġġib aktar sostenibbiltà fl-ispazji ta' ħidma tagħha.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 24.1.2023 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 22 -: 0 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Asim Ademov, Christine Anderson, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Laurence Farrang, Tomasz Frankowski, Romeo Franz, Catherine Griset, Hannes Heide, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Niklas Nienaaß, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Marcos Ros Sempere, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Isabella Adinolfi, João Albuquerque |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Ivan Štefanec |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

| 22 | + |
|-----------|--|
| ID | Christine Anderson, Catherine Griset |
| NI | Andrea Bocskor |
| PPE | Asim Ademov, Isabella Adinolfi, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Ivan Štefanec, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver |
| Renew | Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva |
| S&D | João Albuquerque, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Marcos Ros Sempere |
| Verts/ALE | Romeo Franz, Niklas Nienäb, Diana Riba i Giner |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Key to symbols:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni